Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, l-1 ta' Dicembru 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Pulis)**

**Versus**

**Mourad Khalif**
**(0117818A)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Mourad Khalif** ta' 44 sena, mwieled il-Libya fil-15 ta' Mejju 1978 detentur tal-Karta tal-Identita Numru **0117818A,** u residenti minghajr indirizz fiss.

Fejn huwa giet akkuzat talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, b'risoluzzjoni wahda:

1. Akkuzat talli fil-lejl tat-23 ta' Novembru 2022 u l-24 ta' Novembru 2022, ghall-habta tas-siegha ta' filghodu u/jew fil-hinijiet ta' qabel, gewwa l-Belt Valletta, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma' tiskorrix il-mitejn u hamsin Ewro (€250), ghad-detriment ta' Louise Bonavia u/jew persuni jew entitajiet ohra;

2. U aktar talli nhar it-12 ta' Novembru 2022, ghall-habta tal-ghaxra ta' filghodu, gewwa l-Belt Valletta, kkommetta serq semplici, ghad-detriment ta' Camilleri Group u/jew persuni jew entitajiet ohra;

3. U aktar talli nhar it-08 ta' Novembru 2022 ghall-habta tal-hamsa ta' filghaxija, gewwa l-Belt Valletta, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe' delitt ta' serq semplici, ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, ma' giex esegwit minhabba xi haga

accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, ghad-dannu ta' Camilleri Group u/jew persuni jew entitajiet ohra;

4. Akkuzat talli nhar it-08 ta' Novembru 2022 ghall-habta tal-hamsa ta' filghaxija, gewwa il-Belt Valletta, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorriex il-mitejn u hamsin Ewro (€250), ghad-detriment ta' Camilleri Group u/jew persuni jew entitajiet ohra;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu fis-seduta ta' l-24 ta' Novembru 2022.

Semghat is-sottomissjonijiet fuq il-piena mill-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

**Ikkunsidrat**

L-ammissjoni bikrija ta' l-imputat u l-Fedina Penali netta tieghu.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, wara li rat Artikolu 7, 8, 18, 31, 41(1)(a), 284, 285 u 325(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lil imputat **hati** ta' l-akkuzi kollha migjuba kontrih u qed tikkundanah ghal piena ta' **sitt xhur (6) prigunerija**, illi b'applikazzjoni ta' l-**Artikolu 28A tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu **sospizi ghal perjodu ta' tlett (3) snin**.

Il-Qorti spjegat lil imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Illi fil-kaz odjern ma' gewx mahtura esperti u ghalhekk m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat f'dan ir-rigward.

Ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien **sitt (6) ijiem tax-xogħol**, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**